MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Numru 1191/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**
**vs**

**JOSEPH COLEIRO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Coleiro ta’ 43 sena, bin Paul u Theresa nee’ Vidolich, imwieled Pieta’ fil-15 ta’ Frar 1965 u joqghod, No. 7, Triq Cameron, Paola detentur tal-karta ta’ l-Identita’ b’numru 121665M.

Billi gie akkuzat talli fit-3 ta’ Dicembru 2008 ghal habta ta’ xi 7.00 am. go Triq Cameron, Paola u fit-toroq tal-madwar, ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Alfred Borg (Vici Sindku ta’ Rahal Gdid) persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew

minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur tal-artikolu 95(1) tal-kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna tal-istess Alfred Borg, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghal-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll tlali fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq Alfred Borg, skond ma ccertifikat it-tabib Dr. Charmaine Fava MD (Reg. no. 2393) mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb kontra l-persuna ta' Alfred B org sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339 (d) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi imbotta lil imsemmi Alfred Borg sabiex iwegghu jew jinsulentah u dan bi ksur tal-artikolu 339(1) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

U nakkuzah ukoll talli b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Alfred Borg u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok A u li jinsab a fol. 8 tal-Process u nnutat li l-imputat taha il-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum il-Proskuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li nkwantu ghall-akkuza tar-recidiva migjuba kontra l-imputat, f'dan il-kaz japplika biss l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 49, 17, 31, 95(1), 96(a), 221(1), 338(dd), 339(1)(d), 339(1)(l) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Coleiro, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Joseph Coleiro ghall-piena komplessiva ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu

ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Joseph Coleiro jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Joseph Coleiro b’obbligazzjoni personali ta’ seba’ mitt Euro (Euro 700) li jzomm il-kwiet ma’ Alfred Borg u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Coleiro l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------